**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 80 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Issa Isslam Towfik**

Illum, 15 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Issa Isslam Tawfik, ta' 44 sena, bin Tawfik u Emna Issa, imwieled f'Beheira Egittu fil-25 ta' Novembru 1969, u li joqghod f'Abbey Court, Flt 2, Triq Atocia, Hamrun. Detentur tal-passaport Egizzjan numru 573905 u tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-numru 20380 A, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F'Mejju 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli,

dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kapitlu 9, Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgħajt tagħrif falz;

4. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni oħra jew xjentement ghamilt użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fi proċeduri ċivili jew kriminali, ġegħelt li jsir jew xjentement iġib, dokument falz;

6. Aktar talli ghamilt affidavit falz, waqt li kont taf li dak l-affidavit kien meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta;

7. Kif ukoll talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bil-ħsieb li testorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li taghmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, gheddidt li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil Michael Bugeja ta' Bilom Group jew xi persuna ohra;

8. U talli hlift il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.

9. U b'hekk int, Issa Isslam Tawfik, sirt recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Imhallef J. Galea Debono LL.D. fit-2 ta' Frar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll

li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura ppresjeduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Anthony Vella nhar it-23 ta' Novembru, 2017.[2]

Rat illi din l-istess sentenza kienet giet appellata quddiem din l-istess Qorti liema Qorti kif preseduta kient annullat s-sentenza appellata b'sentenza taghha fl-ismijiet premessi nhar it-22 ta' Novembru 2108 u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame,*" ordnat li l-atti jigu rinvjatai lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 18, 49, 183, 184, 188, 189, 103, 106 (3), 250, 108 (1) (a) u 108 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill imputat Issa Isslam Tawfik mhux hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien imputazzjoni migjuba kontrih u illiberatu minn kull htija u piena, izda hati tat-tielet u tad-disa' imputazzjoni kif migjuba kontrih u konsegwentement ikkundannatu ghal disa' (9) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbilitajiet tieghu taht l-Artikolu 28 B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu

[1] Folio 9 ta' l-atti processwali
[2] Folio 286-291 ta' l-atti processwali

naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ser tghaddi biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

Illi fir-rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti astjenietmilli tiehu konjizzjoni ta' tali talba stante li ma gew mahtura ebda esperti jew periti fil-proceduri.
Rat ir-rikors tal-appellanti Issa Isslam Towfik minnhu pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevokha l-istess sentenza nkwantu s-sejbiet ta' htija fuq it-tielet u d-disa imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, kif ukoll tikkonferma l-bqija taghha fejn illiberatu mill-imputazzjonijiet l-ohrajn kollha.

Rat illi l-appellant allura nstab hati fuq it-tielet u d-disa' imputazzjonijiet biss filwaqt li gie lliberat fuq il-bqija.

L-appellant sostna bir-rispett kollu, in nkwantu ghat-tielet imputazzjoni, dina anqas ma' tirrizulta. L-artikolu 2010 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi kawtela lil dawk il-kredituri li jesegwixxu xogholijiet u jipprovdu materjal gewwa propjeta immobbli. Teknikament tali kawtela ghandha ukoll tkun segwita b'kawza civili fin-nuqqas ta' hlas. Il-fatt li l-privilegg iskritt ai termini tal-artikolu 2010(b) ma jkunx segwit b'kawza ghall-kanonnizzazzjoni ta' dak id-dritt pretiz, ma jfissirx li l-kreditur jkun hati ta' reat kriminali, imma jintitola lil kull min jkun interessat li jikkontesta kwalsiasi pretensjoni fil-forum civili. Issa fil-kaz odjern, minkejja kull cahda li saret mill-kwerelant, l-appellant jsostni li huwa hadem xogholijiet ulterjuri wara s-sena 2010 fi propjetajiet ta' kumpaniji tal-kwerelant, ossia fil-proprjetajiet indikati minnu fl-iskrizzjoni tal-privillegg specjali. Illi dan il-fatt kien ukoll korraborat minn Sharon Farrugia li sostniet li hija marret fuq il-lant tax-xoghol fejn kien qed jahdem l-appellant gewwa Santa Venera, u fejn hemm rat lill-appellant jahdem. Fl-istess kontest sostniet li kienet ukoll thajjret tixtri propjeta fl-istess kumpless u giet murija ukoll xi appartamenti mill-appellant u haddiema ohra tal-kwerelant. Minn naha tieghu l-kwerelant jsostni li minn qabdu kien tah l-assikurazzjoni li kien ser jithallas u dana avolja fl-imghoddi kien hemm dizgwid mal-kwerelant. Kien ghalhekk li l-appellant accetta li jahdem fil-propjeta li maghha l-

kwerelant kellu konnessjonijiet tramite l-kumpaniji tieghu. Dan ma jfissirx li kieku adirettura huwa minnu li l-kwerelant ma kellux konoxxenza tal-appellant, l-appellant ma kellux id-dritt li jiskrivi l-privilegg specjali skond il-ligi, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu versu l-arrikkament li jkun ghamel it-terz bix-xogholijiet li jkunu saru fil-propjeta tieghu. In oltre', l-kwerelant jsostni li l-propjetajiet nkwistjoni ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' kumpaniji tieghu. Illi ghalhekk jsegwi li jekk kemm –l darba veru dan kien il-kaz, allura l-ebda hsara w / jew pregudizzju ma kien ser jkun qieghed jgarrab il-kwerelant.

Kompla jsipejga illi l-pretensjoni tal-appellant hija pretensjoni civili u l-pretensjoni tieghu ghandha dejjem tkun determinata mill-forum Civili. Il-forum civili kellu qabel xejn jiddetermina mhux biss jekk hemmx lok li l-privilleg jibqax fis-sehh jew le imma ukoll li l-privilleg kien bbazzat fuq ghemil doluz li allura mbghad jaghti lok ukoll ghall-proceduri kriminali. Il-fatt li pretensjoni civili tkun skartata jew mhux pruvata quddiem il-forum civili ma jfisserx ukoll li l-pretensjoni tkun wahda frawdalenti u doluza. Fil-kaz odjern il-kwerelant tramite l-kumpaniji tieghu ntavola kawza sabiex l-privilleg jkun kancellat ghaliex skond huwa ma kien hemm xejn dovut. L-appellant naqas li jirrispondi l-kawza civili minhabba d-diffikultajiet finanzjarji li kien jinsab fihom dak iz-zmien, pero' l-kontumacja tieghu bl-ebda mod ma tekwivali ghal xi ammissjoni tal-kawza. Fin-nuqqas tar-risposta ghar-rikors guramentati ntavolat mill-kwerelant nomine' l-kazwa civili giet deciza.

Konsegwentament il-privilleg gie kkancellat. In oltre', l-appellant ma kienx segwa l-iskrizzjoni tal-privilleg b' kawza ghall-kanonizzazzjoni tad-dritt entro t-terminu preskritt mill-ligi Civili u dana ghaliex kien jinsab f' diffikultajiet finanzjarji kif nghad, dana nkluzi ukoll minhabba li l-kwerelant kien cahdu mill-hlas ghax-xogholijiet li kien ghamel. Dan madankollu ma jfissirx li fil-mement li kien gie iskritt il-privilleg kontra minn kellu jhallsu, l-appellant kellu ntenzjonijiet ta' indoli kriminali. Il-fatt li baqa' kontumaci kien dovut biss minhabba li ma kellhux mezzi biex jirrispondi u jhallas l-ispejjez nvoluti, izda dan madanakollu kien id-dritt tieghu li jibqa' kontumaci f' kawzi civili kif tirrikonoxxi l-ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza taghha. Il-kontumacja ma hex ammissjoni ta' htija u d-dikjarazzjoni tal-qrati civili li l-ammont ma jkunx dovut u ma jkunx hemm lok li l-privillegg jibqa fis-sehh ma jfissirx li l-appellant kellu ntenzjonijiet kriminali fil-mument li ezercita d-drittijiet

tieghu skond il-ligi Civili sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu. Illi bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni kellha tipprova l' hemm minn kull ombra ta' dubju li l-appellant agixxa b'raggiri frawdalenti ghad-detriment tal-kwerelant nominee. Il-fatt li huwa ipprevalixxa ruhu minn mezzi li l-ligi stess taghtih sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu, ma hux ekwivalenti ghall-dikjarazzjoni falza bl-intiza cara li tiddefrawda lil minn kien midjun mieghu. In-nuqqas ta' qbil bejn l-partijiet nvoluti fuq l-pretensjoni li kellu l-appellant ma humiex prov acara ta' imgieba doluza.

Rat is-sentenza preliminari moghtija nhar it-22 ta' Novembru, 2018 fejn din il-Qorti kienet iddikjarat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bhala nulla u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiskarta dik l-istess sentenza u tittratta mal-aggravji imresqa mill-appellant bhala id-difiza tieghu ghal mertu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2020.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz. Illi sabiex din il-Qorti tkun tista taghmel apprezzament tal-fatti prodotti kellha ghalhekk l-ewwel tanalizza l-process u tevalwa kul ma intqal mix-xhieda imresqa.

L-**Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet nhar id-19 ta' Settembru, 2014[3] u spjegat illi l-pulizija kienet irceviet kwerela minghand Dr Chris Cilia ghan nom tal-Bilom Group ta' Haz-Zebbug fejn intalbet l-ghajnuna tal-pulizija sabiex tinvestiga kaz fejn l-appellant kien allegatament ghamel dikjarazzjoni falza b'intenzjoni li jistorci flus minghand il-kwerelant.

[3] FOl. 14

Spjegat li l-appellant kien irregistra privilegg specjali bin-numru ta' referenza 3442 tas-sena 2014 fejn iddikjara li ghandu jiehu flus minghand hames kumpaniji differenti li ilkoll jifformaw parti mill-Bilom Group u cioe Bilom Construction Limtied C 48672, Bilom Furnishings Limtied C 59846, Bilom Properties Limtied C 48515, Bilom Tiles and Decor Limited C 62262236 u Bilom and Bugeja Limtied C 31823. F'din id-dikjarazzjoni stqarr li kellu jiehu s-somma ta' €16,800 rappresentanti materjal li huwa uza u xoghol li huwa ghamel bhala *finishes* fi tlett siti differenti fosthom Coventry Court, Tar Razzett Complex u Amber Court. Il-kwerelant qal li fil-fatt qatt ma kien ingagga lill-appellant biex ighamel dan it-tip ta' xoghol u in oltre it-tlett siti fejn gie registrat l-ipoteka ma jappartjenux lill-kumpaniji fuq imsemmija.

Il-kwerelant kien ikkonferma maghha li fil-fatt l-appellant kien ghamel xi xoghol mieghu f'zewg siti minn dawk imsemmija izda kien thallas ghas-saldu ta' dak li kien ghamel. Tant li ghadda lill-pulizija kopja tal-pagamenti li kien ghamel kif ukoll dokumenti li jindikaw li kien issetilja l-pendenzi li kellu mal-appellant kif jirrizulta mid-dokkument iffirmat min Nutar Sharon Faith Farrugia datat 10 ta' Dicembru, 2010 fejn hemm dikjarat li l-appellant thallas ghas-saldu. Dan hu markat bhala dok YF 1.

Il-Kwerelant kompla jghid li fil-fatt l-appellant kien dahhal privilegg specjali iehor nhar it-13 ta' Mejju, 2014 li jgib in-numru H 6053 tat-2014 fejn din id-darba iddikajra li kellu jiehu s-somma ta' €9,780. Din id-darba iddikjara li kien ghamel xoghlijiet f'Amber Court, Santa Venera . Is-sur Bugeja qalilha li kellu diffikolta sabiex ighamel il-kuntratti fejn gja kellu konvenji pendenti fuq dawn is-siti u ghalhekk l-appellant irregistra dawn il-privileggi bil-ghan li igibu daru mal-hajt u b'hekk jghaddilu xi flus.

Tghid li bagthet ghall-appellant u dan kien mar id-depot tal-pulizija fis-16 ta' Mejju, 2014 u wara li inghata it-twissija li kellu kul dritt ikellem avukat ghalkemm irrinunzja ghal tali dritt u irrilaxja stqarrija ghalkemm ma iffirmahiex. Waqt l-interrogazzjoni l-appellant qal li jahdem ghar-rasu fil-gypsum bhala installer u kkonferma li kien talab lin-Nutar sabiex jirregistralu privilegg specjali. Huwa spjega lill-pulizija ta' xhiex kienu dovuti l-flejjes u meta muri id-dokument iffirmat minnu li

kien thallas ghas-saldu ta' kul pretensjoni qalilha li ma jiftakarx ta' xhiex kien thallas. Mistoqsi sabiex ighaddi xi dokumenti jew ricevuti li ghandu qal li ma kellu xejn minn dan u li jzomm kollox f'mohhu u ghalhekk ma ghaddilha l-ebda dokument. Kien qallha li dan ix-xoghol kien ghaddihulu certu Diego Giordano u meta hi tkelmet ma dan Diego dan qallha li x-xoghol kien hadu hu minghand Bugeja u ma kienx ser ilahhaq u ghalhekk kien tkellem mal-appellant pero' ir-relazzjoni tal-appellant kienet mieghu biss. Qal li anke il-materjal kien xtrah hu kollu kemm hu u fil-fatt kellu ftehim mal-appellant li kellu ihalsu cash u hekk kien ghamel. Ikkonferma li Bugeja ma kien jaf b'xejn dwar din ir-relazzjoni ta' xoghol ta' bejnu u bejn l-appellant. Ix-xhud ordnat konfront bejn l-appellant u dan Diego u l-appellant kompla jinsisti li kien hu li xtara l- materjal u meta gie mistoqsi jghid minn fejn xtrah baqa' ma wegibx.

Ix-xhud pprezenta tlett images ta' cekkijiet li gew markati bhala dok YF 2 li jirrapresentaw flejjes li nghataw lill-appellant li jifformaw parti mill-ftehim esebit u markat bhala dok YF1. Ipprezentat ukoll pjanta ta' garaxx markat bhala dok YF3 liema garage inghata lill-appellant bhala *part payment.* Kopja tal-privilegg li gie markat bhala dok YF 4 bin numru 3442 tas-sena 2014, u it-tieni privilegg markat bhala dok YF 5 bin-numru 6053 u dok YF 6 li hi d-dikjarazzjoni li irrifjuta i jezercita id-dritt tieghu li jkellem avukat. Ipprezentat l-istqarija tal-appellant li giet markata bhal dok YF7 u bhala dok YF 8 il-file li kien gie mghoddi lilha mill-kwerelant u kopji tal-emails li irceviet mis-sur Diego li gew markati bhala dok YF 9 u sentenza ai fini tar-recidiva moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta li giet markata bhala dok Y 10 .

**Michael Bugeja** Direttur tal-Bilom group xehed nhar id-19 ta' Settembru, 2014 u spjega li jiehu hsieb kif jimxi l-ufficcju u anke ix-xoghlijiet . Qal li l-kumpaniji tieghu jiehdu hsieb construction, jixtru artijiet u jixtru materjal. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu ghaliex tmien snin ilu kien tah bicca xoghol il-Gzira u bicca xoghol ohra h' Attard. Qal li l-post fejn hadem il-Gzira kien kjsimu 4B's hdejn il-pixxina u x-xoghol li ghamillu hemmhekk ma kienx ghogbu pero' xorta halsu ta' kollox tant li anke ghamlu skrittura ghand in-Nutar fejn in effetti kien halsu ghas-saldu ta' kul pretensjoni li setgha kellu fil-konfront tieghu. Qal li min dak in-nhar 'l

quddiem ma regax rah salv meta rcieva il-privileggi. Fil-fatt ighid li appena ircieva il-privileggi kien cempel lill-appellant u qallu li ma kellux itih u dan wiegbu " *jien m'ghandix flus u rrid naghmel xi haga biex ikolli l-flus.*" Qallu li kien ghalhekk li rregistralu l-privileggi biex itih xi flus u jmur iwaqqaghhom.

Mistoqsi jispjega x'tip ta' xoghol ghamel fuq il-progett tal-Gzira 4b's jghid li dan kien jikkonsisti f'bini ta' appartamenti u kien hadimlu l-kisi kemm ta' barra tal-faccata kif ukoll ta' gewwa. Qal li kien ihalsu u meta fl-ahhar ra li ma kienx qed ighamel xoghol sew kien baghtu jahdem f'progett iehor konsistenti f'appartamenti mgharuf bl-isem Cliffhanger h'Attard. Qal li kien hu li waqfu minn dan ix-xoghol ghaliex ma kienx qed jahdem sew. Ghalhekk kien talbu jigbor il-kont u marru ghand Joe Abela li johodlu hsieb l-karti u marru ghand in-Nutar. Iffirmaw ftehim hemmhekk u ma ra regax rah u ma regax tah xi xoghol. Fil-fatt ghamel referenza ghal dok YF 1 li hi skrittura li saret fir rigward B4's fejn hemm miktub li l-appellant thallas ghas-saldu ghax-xoghlijiet li ghamel f'dawn l-appartamenti . Qal li fil-fatt il-flats ta' B4's kienu inbieghu qabel is-sena 2006. L-iskrittura dok YF 2 tireferi ghal Cliff Hanger fejn hemmhekk kienu waqfuh milli jahdem iktar u ghalhekk kienu hasluh ta' kollox. Mistoqsi jekk ta' xi xoghol f'Amber Court, Santa Venera lill-appellant jghid li din kienet l-ex fabbrika taz- 7UP fejn bena 130 flat u hemmhekk hadem b'haddiema differenti. Qal li huwa kien qabbad lil certu Diego Giordano fuq xoghol tal-gypsum hemmhekk u dan ghaliex kien tah barter u fil-fatt kien tah flat Attard u kien ghadu qed jaqta' il-pagament tieghu b'xoghol. Qal li huwa kien staqsa lil Diego dwar l-appellant u kien qallu li kien halsu ta' kollox.

Mistoqsi x'effett kellhom dawn il-privileggi fuqu ighid li kellu jistenna tlett xhur sabiex ighamel il-kuntratti ta' konvenji li huwa kellu fuq flats milquta b'dawn il-privileggi. Il-valur ta' dawn il-50 flat jammonta ghal aktar minn 5 miljum. Huwa ma ridx itih flus ta' xejn u ghalhekk wasal fi ftehim mal-banek li jiddeposita s-somma imsemmija fil-privileggi u b'hekk setgha jghamel il-kuntratti xorta. L-allegat debitu tal-appellant kien kawtelat bid-depositu bankarju tieghu.

Muri id-dokumenti MB1 u MB2 jghid li dawn huma zewg sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn huwa fittex lill-appellant sabiex jitnehhew il-

privileggi li kien iskriva kontra tieghu mertu ta' din il-kawza numru 6053/2014 u 3442/2014 u dawn gew decizi favur tieghu u l-privileggi gew imnehhija.

**Diego Giordano** xehed nhar id-19 ta' Settembru 2014[4] u kkonferma li jahdem bhala *gypsum installer*. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu u qal li sar jafu minn sit eletroniku meta kien ghamel avviz fejn talab ghall-aghajnuna fix-xoghol tal gypsum u dan ghamel kuntatt mieghu u fil-fatt jafu bhala Sammy. Jghid li dan qallu li kien qed ifittex xoghol mhux bil-paga izda bil-fattura. Mistoqsi jekk jafx lil Michael Bugeja jghid li jafu u fil-fatt xtara proprjeta minghandu u kien qed ihalsu lura bix-xoghol u fil-fatt kien hadem f'xi appartamenti tieghu gewwa Santa Venera fejn kien hemm il-fabbrika ta' 7UP. Kien tlabu jghamel xi xoghol fil-ligiijiet biex jghalaqhom bil-gyspsum biex hadd min nies ma jaqghu . Huwa cempel lil Sammy ftiehmu fuq prezz u qallu biex jibihomlu malajr u kien fil-fatt xtralu l-materjal hadu fuq il-post u beda ix-xoghol izda ma ghamlux kollu ghaliex kien dahaq bih ukoll. Qal li l-ftehim kien bejnu u bejn l-appellant. Michael Bugeja ma kienx prezenti u ma kienx partecipi fih. Jghid li s-sur Bugeja ma kellux interess min kien ser igib biex ihaddem basta li ilestilu x-xoghol. Ikkonferma li kien halsu ta' dak li ghamel u anke kien itih iktar ghaliex kien jghidlu li ghandu it-tifla ma tiflahx u kien henn ghalih. Ix-xhud ghamel referenza ghad-dokument YF 9 fejn hemm miktub li l-appellant kien qed ighidlu li ghandu bzonn materjal. Dan ifisser li kien jixtrilu l- materjal hu stess. Hemm ukoll indikat ' *please try to pay me morning, I have no money'* Dan jindika li kien ikun hu li ihalsu. Qal li numru tal-appellant fuq il-mobile tieghu kien registgrat bhala Sammy Gypsum 99028608. Jghid li dak li jidher fid-dokument YF 9 kienu messaggi li ghaddew bejnu u l-appellant. Muri d-dokument YF 8 b'referenza ghal parti l-hamra u jghid li dik hi l-invoice tieghu min naha ta' Bilom u iffirmata minn Nathan ghan-nom ta' Bilom. Dan jikkonferma li kien thallas tax-xoghol. Stqarr li l-materjal ghal dan ix-xoghol f' Santa Venera konsistenti f'gypsum boards hadid u kisi kien xtrah hu personalment minghand RS Gypsum. Mistoqsi jekk l-appellant kienx hadem hu fis-sit jew gabx lil haddiehor jghid li ma jafx pero' meta kien imur *on site* kien isibu hemm u dan meta kienu ikunu mifthiema minn qabel. Ikkonferma li huwa thallas ta' dan ix-xoghol u hallas lill-appellant ta' kollox ukoll.

[4] Fol. 108

**Joseph Abela** xehed nhar is-6 ta' Novembru, 2014 u stqar li jokkupa l-kariga ta' General Manger mal-Bilom Group u mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu ghaliex kien jahdem ghal Bilom. Qal li kien hu li johroglu l-pagamenti ghax-xoghol li kien jghamel. Qal ix-xoghol sar fis-sena 2009 u 2010. Spjega li kien jahdem isir il-kejl u jithallas. Qal li fl-20 ta' Dicembru, 2010 kien sar ftehim bejnu ghan nom ta' Bilom Group, esebit fl-atti u markat bhala dok YF 1[5] u l-appellant quddiem in-Nutar Sharon Faith Farrugia fejn l-appellant iddikjara li ma kellu jiehu xejn aktar mis-socjeta Bilom Group u li kienet hallset ghas-saldu ta' kul pretensjoni. Spjega li din l-iskrittura giet iffirmata ghaliex l-appellant ma baqax jghamel ix-xoghol kif mistenni u ghalhekk kien hemm xi battibekki u kien ahjar li jghalqu ir-relazzjoni ta' bejniethom. Mistoqsi jekk kellux x'jaqsam mal-proget ta' Santa Venra tal-ex fabbrika ta' 7UP u jghid li kien imur hemm ikejjel ix-xoghol u qal li fuq dan il-post qatt ma rah u qatt ma inghata xoghol mill-Bilom group biex jahdem hemm. Mistoqsi jekk jeskludix li l-appellant seta inghata xoghol minn xi sub contractor jghid li ma jistax jeskludi pero' zgur li minghand il- Bilom group ma ha l-ebda kuntratt ta' xoghol hemmhekk.

In–**Nutar Pierre Attard** xehed nhar is-26 ta' Marzu, 2015[6] u spjega li permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili citazzjoni numru 413/2014 u sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti numru 227/2014 huwa kien gie ordnat sabiex jikkancella zewg ipoteki jew privileggi specjali li kien hemm registrati minn l-appellant kontra l-imsemmija Bilom Group u fil-23 ta' Settembru, 2014 huwa kien ippublika zewg kuntratti. Jiftakar li kien deher ukoll Dr Renzo Porsella Flores ghall-kontumaci u kien ikkancella dawn iz-zewg ipoteki. Huwa esebixxa kopja ta' dawn iz-zewg kancellamenti li gew markati bhala dok PA 1 u PA 2[7].

**In-Nutar Michael Laferla** xehed nhar it-30 ta' April 2015 ikkonferma in-nota ta' Ipoteka esebita fl-atti a fol. 27 markata bhal daok YF 5 fejn stqarr li l-appellant kien ikkostitwixxa privilegg kontra Bugeja Developments ghal valur ta' €9,780 ghal xi xoghlijiet li saru fil-proprejta ta' l-istess Bugeja Developmetns Ltd. Mistoqsi jghid x'kien qallu l-klijent dak in-nhar tal-iskrizzjoni jghid li ma jiftakarx bl-ezatt pero'

[5] Fol. 21
[6] Fol. 148.
[7] Fo. 150

normalment l-kuntrattur jinfurmah li jkun ghamel xi xoghol u ma thallasx taghhom u ghalhekk skond il-mekkanizmu stabilit fil-ligi huwa jkollu dritt li jinskrivi privilegg fi zmien sitt xhur minn meta ilesti x-xoghol jekk ma jithallasx. Mistoqsi jekk l-appellant urihx xi dokumenti sabiex jissostanzja l-allegat kreditu tieghu jghid li le ma urih xejn pero' lanqas mhu l-kompitu tieghu li jistaqsi ghal xi dokument.

L-allura **Spettur Anelo Gafa** xehed nhar l-11 ta' Gunju, 2015 u kkonferma is-sentenza moghitja minn din il-Qorti doversament preseduta datata 2 ta' Frar, 2006 fl-ismiijiet **il-pulizija vs Issa Isslam Tawfik Issa** markata bhala dok YF 10 u jghid li l-appellant odjern huwa l-istess persuna kontra min inghatat dik is-sentenza

In-Nutar **Sharon Faith Farrugia** xehdet nhar il-11 ta' Gunju, 2015 u mistoqsija jekk tafx lill-appellant tghid li kien ghamel xi xoghol ghal Bilom Group li huma klijenti taghha. Murija il-fethim esebit fl-atti a fol. 21 markat bhala dok YF1 tghid li kien mar Joseph Abela ghan nom ta' Cliff Hanger Developments li hija parti mill-Bilom Group flimkien mal-appellant li tafu bhala Sammy u dan stqarr li kien ghamel xi xoghol u kien thallas ghas-saldu u fil-fatt iffirmaw skrittura quddiemha fejn l-appellant iddikjara li ma kellux aktar pretensjonijiet kontra s-socjeta Bilom. Fil-fatt fil-ftehim hemm imnizzel li ' *Contractor has been paid in full. They have no further rights and pretentions.* ' Qalet ukoll li spjegatilhom l-import ta' tali ftehim u kkonfermat li t-tnejn li huma iffirmaw l-iskrittura quddiemha.

Illi nhar id-19 ta' Novembru, 2015 l-prosekuzzjoni pprezentat dokument li gie markat bhal dok YF 11 u cioe l-kostruzzjoni tal-privilegg 6053/2014 maghmul min nutar Michael Laferla.

L-appellant **Issa Isslam Tawfik** ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u dan fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2016. Jghid li lil Michael Bugeja jafu u kien ilu jafu ghal hames snin u dan ghaliex kien ser jixtri post minghandu gewwa h' Attard. Fil-fatt kien ser jixtrih bi tpartit ma xoghol ta' finishing. Jghid li beda jahdimlu u dahal f'konvenju mieghu ghal dan il-post illi kien lest minn kollox. pero' wara spicca ha zewg garaxxijiet minghandu u mhux post . Qal li kien gie muri garaxxijiet fl-ewwel sular izda imbaghad wara li ghamel l-konvenju irrejalizza li l-garaxxijiet kienu fis-

sular ta' isfel nett. Kelmu dwar id-differenza tal-flus u qallu imbaghad naraw u waqfet hemm. Qal li l-garaxxijiet ma riedhomx izda hadhom bi tpartit ghaliex kien ser idum biex jithallas.

Qal li huwa ghamel xi xoghol il-Gzira, H'Attard u anke St Venera pero' kien thallas biz-zewg garaxxijiet f' San Giljan. Jghid li pero' qabel kien ser jiehu flat h' Attard minghandu. Jghid li fil-fatt minkejja li ghand in-Nutar sar ftehim li thallas ghas saldu dan ma kienx minnu. Dakinhar pero' ghand in-Nutar il-garaxxijiet gew imdawra ghal fuqu ukoll.

Qal li l-privileggi jirrappresentaw ix-xoghol li huwa ghamel il-Gzira, H'Attard u Santa Venera u kien gie imqabbad jahdem direttament minghand Michael Bugeja. Qal li anke ix-xoghol ta' Santa Venera kien talbu jahdem Michael Bugeja u qallu li kien ser ihalsu. Dan ix-xoghol ma kellux x'jaqsam max-xoghol li kien iffirma il-ftehim dwaru. Diego kien mieghu u qallu li jekk Michael ma ihalsux fuq ix-xoghol ta' Santa Venra kien ser ihalsu hu. Qal li huwa ma kienx wiegeb ghal kawzi civili li kien ghamillu Bugeja biex jikkancella l-privileggi ghaliex ma kellux flus. Ikkonferma pero' li ghandu jiehu l-ammonti imsemmija fil-privileggi li kien irregistra.

Ikkonferma li l-privilegg ta' €9,780 euro jirraprezenta xoghol li ghamel fuq liftijiet ta' zewg blokok Santa Venera. Qal li vera kien jithallas regolarment b'cekkijiet minghand Michael Bugeja pero' kien ghad fadallu x' jihu minghandu. Mistoqsi jekk qattx zamm bil-miktub x'ghandu jiehu u x'jirrapprezenta jghid li le ma zammx kollox bil-memorja. Qal li ghandu jiehu tal-materjal u biex xtrah kien issellef xi flus. Mistoqsi minn fejn kien xtara il-materjal jghid li ma jiftakarx. Meta rega xehed nhar il-11 ta' Lulju, 2017 ighid li meta irrilaxja l-istqarrija kien gie mhedded mill-pulizija li ma kienx se jerga jara lil bintu.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 l-akkuzat kien irrilaxja stqarrija esebita fl-atti a fol. 30 markata bala dok YF7 u mistoqsi jispjega x'waslu biex jghamel il-priviegg specjali numru 3442/2014 jghid li ghamlu biex jithallas ta' flus li kellu jiehu minghand Michael Bugeja. Jghid li kien ilu jaf lil Michael Bugeja ghal madwar hames snin u li kien anke ghamel konvenju mieghu ghal xi post h' Attard pero' wara dawru ghal fuq

zewg garaxxijiet ghaliex Bugeja dam ma jhalsu. Qal li fil-fatt meta ghamel il-privilegg specjali ha l- gurament quddiem Dr Victor Bugeja li huwa kreditur ta' Bugeja fl-ammont ta' €16,800 rapprezentanti xiri ta' materjal u xoghol ta' tibjid u tikhil fil-proprjeta tal-Bilom gewwa l-Gzira, H'Attard u Santa Venera. Jghid li l-privilegg numru 6053/2014 ta' €9,780 kien jirrappresenta xi xoghol li ghamel Santa Venera fir-rigward ta' gypsum boards madwar liftijiet. Jghid li ghamel iz-zewg privileggi ghand zewg nutara differenti u mistoqsi jekk kienx qal lit- tieni nutar Laferla li kien gja pprezenta privilegg fuq l-istess xoghol jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk hux minnu li Bugeja kien halsu permezz ta' cekkijiet jghid li vera kien ircieva xi cekkijiet pero' kien ghad fadallu jiehu flus minghandu.

Mistoqsi jekk hux minnu li x-xoghol li huwa ghamel Santa Venera ghamlu bi ftehim ma Diego Giordano u mhux ma Michael Bugeja jghid li mhux minnu. Mistoqsi jekk hux minnu li kien ser jithallas is-somma ta' €25 ghal kul lift li jghamel u Diego jixtri l-materjal kollu jghid li mhux minnu. Mistoqsi jispjega l-ammont ta' €9,780 jghid li kien jirrapprezenta il-materjal li xtara bil-VAT u x-xoghol li ghamel. Mistoqsi min fejn kien xtara ix-xoghol jghid li kellu min qabel u wara fl-istess nifs jghid li ma jiftakarx u dan ghaliex jixtri minn hafna postijiet. Mistoqsi ghaliex qed ighid li dan l-ammont ta' €9,780 jinkludi l-VAT pero' fil-privilegg ma hemmx indikat il -VAT jghid ghamel hekk ghax Michael kien jghidlu biex inehhilu l-VAT. Mistoqsi jekk ghandux jiehu minghand hafna nies jghid li iva pero' jichad li kellu bzonn il-flus. Mistoqsi jekk hux minnu li huwa halef il-falz quddiem in-Nutar ghaliex mhux minnu li hu dovut dawn il-flejjes jghid li mhux minnu.

Illi nhar il-11 ta' Lulju, 2017 xehdet **Sharon Farrugia** u spjegat li tinsab f'relazzjoni ma l-appellant. Qalet li hija kienet silfet xi flus u appuntu is-somma ta' hames mitt euro (€500) lill-appellant biex jghamel bicca xoghol biex b'hekk ikun jista jixtri xi materjal. Tghid li qallha li kellu jixtri xi gypsum boards sabiex iqeghdhom mad-dawra tal-liftijiet u qalulu li appena jghamel din il-bicca xoghol kienu ser ihalsuh ta' dan ix-xoghol u ta' xi xoghol li kien ghamel f'H'Attard. Tghid li anke marret fuq il-lant tax-xoghol u ratu jahdem hemm. Tiftakar ukoll li kien dawwarha il-postijiet peress li kienet qed tfittex li tixtri post ghax uliedha imorru skola il-Hamrun. Tghid li l-appellant kien idum fuq ix-xoghol u kienet tmur tara x'sar minnu. Mistoqsija meta

silfitu l-flus tghid li kien f'April jew Marzu 2014 . Qalet li kienet gibdithom mill-ATM tal-bank tal-Hamrun u ghaddithomlu pero' ma iffirma l-ebda ricevuta li ircevihom. Mistoqsija jekk marx jixtri l-materjal tghid li hi ma kienitx mieghu pero' hekk tahseb li ghamel. Mistoqsija ma min kien in-negozju ma tafx pero' taf li kien jitkellem ma xi hadd Michael pero' hija qatt ma kelmitu jew iltaqghet mieghu fuq dan in-negozju. Mistoqsija jekk taf kemm thallas ta' dan ix-xoghol tghid li ma tafx pero' tahseb li kienu ftiehmu fuq somma ghax hu ma kienx jahdem bil-paga.

Ikkunsidrat.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kif ukoll ix-xiehda tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u x-xhieda ta' Sharon Farrugia imresqa mill-akkuzat. Jerġa' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati kellha l-vantaġġ kbir li rat u semgħet lill-appellant jixhed quddiemha u b'hekk setgħet tara hi stess jekk huwa kienx sinċier f'dak li qal u bil-mod kif qalu; jekk kienx jitwemmen f'dak li qal u sa fejn kien hekk jitwemmen. Dik il-Qorti pero' kienet tal-fehma li l-appellant ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li l-privileggi specjali li huwa irregistra fil-konfront tas-socjetajiet ta' Michael Bugeja jirrappresentaw kreditu li huwa allegatament kellu fil-konfront tal-kwerelant.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker[8]:**

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid- 19 ta' Mejju, 1997

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** [9]fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

F'decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[11] il-Qorti kkummentat dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

*'Din il- Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jew ikunu familjari ma' da l-ambjent izda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi zgħar bejn ix-xhieda ta' John onello u dik tal-Avukat Irene*

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nahr it-23 ta' Jannar, 2007

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008

[11] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, " zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il- kaz u jfakkru lil xulxin x'gara dak inhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għal kemm kellhom okkazzjoni jagħmlu he u għal emm setgħu jobsru illi d-dis repan i x'a tarx ien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmati u huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata'.*

**l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*'id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-img ieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac -c irkostanzi kollha tal-kaz' .*

Ikkunsidrat.

Illi l-uniku kritika li l-appellant iressaq fil-konfront tas-sentenza appellata hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti meta din sabitu hati tat-tielet u d-disgha akkuzi migjuba kontra tieghu, u cioe' meta wasslet ghal konkluzjoni illi l-appellant ghamel dikjarazzjoni falza fis-ens li ta' taghrif falz lil Awtorita Pubblika meta irregistra zewg privileggi specjali kontra l-kwerelant u bhala konsegwenza li kkometta dan ir-reat l-ewwel Qorti sabitu hati ukoll talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti

Illi spiss kellha okkazzjoni din il-Qorti tirribadixxi illi fi stadju ta' revizjoni mhijiex is-setgha taghha li taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi, billi dan huwa mholli unikament f'idejn l-Ewwel Qorti u huwa biss meta din il-Qorti ta' revizjoni tqies illi dak l-apprezzament kien wiehed erronju kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq bazi legali, illi allura tigi skossa dik id-diskrezzjoni ezercitata fl-ewwel istanza[12].

[12] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta

Ghalhekk fil-kwadru fuq espost u fid-dawl tax-xhieda migbura din il-Qorti trid tara jekk il-fatti kif fuq spjegati iwaslux lilha sabiex issib htija tat-tielet akkuza kif del resto waslet l-ewwel Qorti u cioe jekk l-appelant ghamilx dikjarazzjoni falza jew ta' tgharif falz biex tintuza f'Awtorita Pubblika.

Din it-tielet akkuza u cioe r-reat ta' 'Dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil Awtorità Pubbliku' jinsab deskritt fl-**artikolu 188 tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi li :-

*'kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz'.*

Jinghad li d-difiza issostni li l-appellant kellu kul dritt civili li jirregistra privileggi specjali ai termini tal-artikolu 2010(b) tal-kap 16 fuq il-proprjeta tal-kwerelant u dan ghaliex skontha l-appellant ghamel xi xoghol ta' gypsum ghall-kwerelant u ma thallasx ta' xoghlu u ghalhekk sabiex jikkawtela d-debitu tieghu iskriva dawn il-privileggi. pero' mill-provi prodotti jirrizulta li in effetti l-appellant kien thallas ghas-saldu minghand il-kwerelant ta' xoghlu tant li anke iffirma dikjarazzjoni quddiem Nutar f'dan ir-rigward. L-appellant jghid li huwa ghamel diveri xoghlijiet gewwa l-ex fabbrika tas- 7UP. pero' mix-xhieda ta' Michael Bugeja jirrizulta li fil-fatt huwa qatt ma qabbad lill-appellant dabeix jahdem hemm. Jirrizulta skond ix-xheida ta' Diego Giordano li kien ha xi appalt minghadn Michale Bugeja konsistenti f'xoghol ta' tqeghid ta' gypsum madwar il-lifts ta' dan il-kumpless u ma setax ilahhaq max-xoghol u ghalhekk kien talab l-ghajnuna tal-appellant. Jghid pero' li r-relazzjoni ta' l-appellant ma dan is-sit kien mieghu biss u mhux hekk biss jghid li kien halsu ghal dak kollu li kien ghamel. Jikkonferma li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il0-kwerelanti u l-appellant. L-appellant iressaq bhal xhud lil Sharon Farrugia u din kkonermat li fil-fatt hija l-partner tal-appellant u kient tmur tivverifika fuq il-lant

v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

tax-xoghol jekk verament kienx ikun hemm. Tghid li meta marret dejjem sabitu hemm. Tghid li silfitu xi flus hames mitt euro ( €500) biex jixtri materjal ghal an ix-xoghol pero' meta l-appellatn gie mstiqosi minn fejn xtara il-materjal jgjid li ma jafx. Mistoqsi jipprezenta xi ricevuti jghid li ma kellux. Giordana jghid li ma hux minnu li l-appellant xtara xi materjal izda kien hu li kien jipprovdi l-materjal lill-appellant u li kien ihallas ghalih hu.

Ghalhekk l-appellant ma irnexxilux jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li fl-ewwel lok vermaent kien impjegat mill-kwerelant u li in effetti ghamel xi xoghol ghalih li ma thallasx ghalih. Mill-provi akkweziti din it-teorjija tal-appellant ma tirrizulta minn imkien

Il-ligi qeda timpunixxi b'dan l-artikolu mhux biss min jghamel uzu min dikjarazzjoni falza quddiem Awtorita Pubblika izda anke minn jghamel dikajrazzjoni genwina pero' b'informazzjoni falza. Dan hu proprju l-kaz ta' falsita idejologika u dan ghaliex id-dokument u cioe l-privieggi specjali qua dokument ma kienux foloz materjalment u cioe kif gew redatti bhal aforma izda kienu foloz fis-sustanza jew kontenut taghhom ghlaeix taw kwadru li l-kwerealnt kien debitur tal-appellant meta fil-fatt ma kienx.

Ma hemmx dubbju li l-intensjoni tal-appellant kienet wahda u cioe li jirregistra privilegg specjali kontra l-kwerelant sabiex b'hekk ipoggi lill-appellant f 'posizjoni li ikollu ihallas jew almenu jasal f' arrangament billi itih xi flus biex bhekk jikkancella dawn iz-zewg privileggi. Fil-fatt kif stqarr Michael Bugeja stess huwa ma setax ibiegh il-flats li kienu milquta b'dawn il-privileggi specjali u kellu jiddeposita l-ammont indikat fil-privilegg specjali sabiex setgha ibiegh il-flats. Fil-fatt kellu anke jinkorri spejjes biex fetah zewg kawzi quddiem il- Qorti Prim Awla ( rikors Numru 413/2014 JPG u 227/14JPG fejn talab il-kancellament ta' dawn iz-zewg privileggi liema zewg kawzi gew decizi nhar l-14 ta' Lulju, 2014. B'hekk jirrizulta li l-privileggi damu registrati minn April 2014 ( fol. 182) sa Lulju 2014 perijodu ta' tlett xhur u kien biss wara li l-kwerelant ottjena s-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li gew decisi favur tieghu li sar il-kancellament relattiv taghhom. Ghalhekk zgur li l prosekuzzjoni irnexxila tipprova li l-appellant ghamel stqarrija falza mahsub ghall- awtorita

pubblika (Registru Pubbliku) fejn xjentement ta' informazzjoni falza. Jigi rilevat li l-appellant li fl-istqarrija tieghu jghid li ma kellux probolemi finanzjajri sahansitra meta mistoqsi jghid ' fi flus qieghed normali'[13] Nonostante li kien f'qada finanzjarja normali ghazel li ma jipprezenta l-ebda risposta ghaz zewg kawzi civili li gew introdotti kontra tieghu biex jigu kancellati iz-zewg privileggi specjali.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-ewwel Qorti setghet tasal ghal gudizzju taghha li ssib lill-appellant hati ta' din it-tielet akkzua u dan b'mod safe u satisfactory. U ghalhekk din l-htija fir rigward tat tielet akkzua ser tigi konfemata

Dwar l- akkuza tar recidiva din il-Qorti rat is-sentenza esebita f'dawn l-atti fl-ismiijiet **<u>il-pulizija vs Issa Isslam Tawfik Issa </u>**markata bhala dok YF 10 u rat ix-xhieda moghtija minn l-allura **Spettur Angelo Gafa** nhar il-11 ta' Gunju 2015 fejn kkonferma is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 2 ta' Frar, 2006 fejn stqarr li l-appellant odjern huwa l-istess persuna kontra min inghatat din is-sentenza u rat li f'dik is-sentenza l-appellant ma kienx instab hati ta' reat u ghalhekk l-appellant ma jista' qatt jinstab hati tal-akkuza tar recidiva.

Ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza pero' tiddikajra kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti ma hiex qed issib lill-appellant hati tal-akkkuza tar-recidiva u konsegwentemetn tiliberah minn tali akkuza.

Dwar l-peina l-Qorti rat li skond l-artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena applikabbli f'kaz ta' htija hija" *il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa*".

Issa l-ewwel Qorti kienet ikkundannat lill-appellant ghal zmien tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal perijodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta kient sabitu hati ukoll talli hu recidiv ai temini tal-artikolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-piena mposta taqa' fil-parametri tal-ligi. Il-Qorti qiset l-ammont ta' flus li l-appellant irreklama li kellu jiehu minghand il-

[13] Fol. 32 l-ahhar parti ta' l-istqarrija

kwerelant, rat li fil-fatt l-kwerelant kellu jiddeposita is-somma imsemmija fil-privileggi specjali sabiex seta jghamel il-kuntratti li kien intrabat li jghamel u ghalhekk f'dan il-kwadru tqis li l-piena imposta mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonfema is-sentenza appellata fir-rigward ta' dawk l-akkuzi fejn l-appellant ma instabx hati taghhom u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati talli huwa recidiv u ghalhekk tilliebrah minn din l-akkuza ukoll pero' tikkonfermaha fir-rigward tat tielet akkuza, fejn sabithu hati u tikkonferma l-piena imposta fuqu ta' tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-appellant.

(Ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur